L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 4 ta' Frar 2005

# Il-partiggjanezmu ta' Gejtu

Fil-Konferenza Stampa li l-UHM u s-CMTU taw din il-gimgha biex jiggustifikaw il-pozizzjoni taghhom favur il-Gvern, is-Sur Gejtu Vella deherlu li ghandu jghajjar lill-protesta nhar il-Hadd mal-Partit Laburista bhala xi ezercizzju ta' partiggjanizmu.

Ma ghandi l-ebda dubju li s-Sur Gejtu qal hekk ghax b'xi haga jrid jiggustifika ruhu. Qajla se jghidilna li l-UHM mhix hlief il-'aby' tal-Gvern u tezisti biss bhala makkinarju li jtaffi xi fitit mill-kontroversji li Gvern Nazzjonalista johloq iktar milli biex jghin lill-haddiem.

Izda lis-Sur Gejtu nixtieq ninformah pubblikament li jekk qed jahseb li l-protesti huma partiggjana, l-Ewropej, li tant kien favorihom l-ahhar elezzjoni huma ferm aktar partiggjana minna.

Xi kultant jghaddili minn mohhi ghaliex is-Sir Gejt jattendi konferenzi barra minn Malta ghax suppost dak li se nghidlu jien hawnhekk jafu kollu u kif.

Infakkar lis-Sur Gejt f'diversi protesti li saru ma' l-Ewropa fl-2004 u li qeghdin isiru bhalissa. U d'dan inkun qed nurih li jekk il-haddiema Maltin jpprotestaw ikunu biss qeghdin ikunu Ewropej - kif xtaqhom hu!

Matul l-2004 pajjiz li ghadda minn perjodi shah ta' protesti tal-haddiem u strajkijiet kienet Franza. Bla ma nidhol fil-merti tal-kwistjonijiet u l-azzjonijiet industrijali (li wara huma kollha ta' biha' ta' talba ghal aktar sighat ta' xoghol minghajr zieda fil-pafa) ta' min wiehed jghid li kien fit-18 ta' Jannar ta' l-2004 li haddiema tas-servizz postali, haddiema tat-trejnijiet, u maghhom anke bhala solidarjeta' haddiema tal-gass, ta' l-elettriku u sahansitra kirurgi ma ghamlux operazzjonijiet m'mhumiex urgenti biex jipportestaw kontra l-Gvern.

Fil-Germanja wkoll saret sensiela ta' protesti konsekuttivi msejha "Montagsdemosrationen" li damu sejrin ghal aktar minn xahrejn. Il-kwistjoni kienet tal-protposta tal-"one-euro-job" fejn il-Gvern ippropona "cheap labour" bhala soluzzjoni. Tiskantawx li l-Gvern jipproponi xoghol tal-lira f'pajjizna wkoll!

Il-haddiema tal-FIAT fl-Italja  wkoll ilhom xhur shah ghaddejjin minn azzjonijiet industrijali u protesti.

Fid-Danimarka f'Ottubru 2004, 100,000 student f'pajjiz b'popolazzjoni li kull ma tlahhaq hija l-hames miljuni pportestaw bil-kbir kontra tnaqqis fl-istipendji.

Fil-Belgju stess f'Jannar li ghadda diversi protesti gew organizzati mill-kumpanija Inter-Municipal Transport.

Ta' min wiehed jghid anzi li x-xena fil-pajjizi ta' l-Unjoni hija pjuttost ikkaratterizzata minn sensiliet shah ta' protesti li idumu l-gimghat u x-xhur.  Hafna drabi ghalhekk insibu "kalendarju ta' protesti" ( li fil-fatt jien kont uzajt proprju bhala titlu ta' l-artiklu tieghl f'dan il-gurnal sentejn ilu - 14 ta' Frar 2003) iktar milli protesta wahda.  Hafna drabi l-protesti jigu rinforzati minn strajkijiet li mhux necessarjament jirrestringu ruhhom ghall-haddiema affettwati imma wkkoll ghal haddiema ohrajn li jistrajkjaw b'solidarjeta'.

Huwa nteressanti li jien f'artiklu ta' sentejn ilu ktibt dwar il-kalendarji ta' protesti.  Dak iz-zmien hafna nies li opponew shubija shiha fl-Unjoni kienu diga' xeghlu bozza hamra ghas-sitwazzjoni tal-haddiema kif tista' tkun illum.

Izda issa li l-haddiema belghu l-lixka ta' l-Unjoni nhux se jigu l-Unions li appoggjaw shubija shIha u jghidulhom ma jkunux Ewropej!